MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 324/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant **(ID351548(M))** quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti magħmulin minnu, wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għax-xahar ta' Mejju, 2010 u fix-xhur ta' qabel, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Dolores Camilleri u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha w/jew għall-ulied fi żmien 15-il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Lulju, 2010, li biha wara li

rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant ħati u għaldaqstant illiberatu bla kundizzjoni ai terminu tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Camilleri (ID no. 351548M) minnu pprezentat fit-12 ta’ Lulju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla w tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull piena w imputazzjoni skond il-ligi u/jew jekk dina l-qorti hekk tara xieraq, u in vista tal-pendenza tal-proceduri quddiem il-qorti tal-Familja dwar l-eccezzjoni sollevata mill-appellant, tissoprassjedi sakemm l-ezitu tal-imsemmija proceduri jkun maghruf umbaghad tipprocedi kif tara xieraq u opportun.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi fl-ewwel lok l-appellant jirrileva illi huwa ma seta’ qatt jinstab hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu stante li mhux minnu li huwa ma hallasx il-manteniment. Infatti skond ix-xhieda tal-kwerelanta stess Dolores Camilleri rrizulta bl-aktar mod car illi l-appellant hallas l-iskadenzi kollha tal-manteniment dovut u dana permezz ta’ ċekkijiet ghal kull skadenza liema ċekkijiet pero’ l-kwerelanta ma setgħetx issarraf mhux ghax m’hemmx fondi iżda għax il-kont hu kolpit minn mandat ta’ sekwestru intavolat minnha stess.

Illi b’azzjoni pożittiva taghha stess hija qeghda timpedixxi l-hlas tal-manteniment mhux ghax l-appellant mhux qed ihallas izda ghax b’azzjonitha hija stess qeghda timpedixxi l-hlas li qed jivversalha kif suppost l-appellant.

Illi ghalhekk assolutament m'hemm lok ta' ebda htija fil-konfront tal-appellant in kwantu l-akkuza hija fis-sens illi l-appellant hu akkuzat li naqas li jaghti lill-martu l-manteniment liema fatt (bix-xhieda tal-kwerelanta stess) ma jirrizultax in kwantu huwa ta l-manteniment u kienet hi li ma setghetx issarfu minhabba mandat taghha stess.

Illi tenut kont ta' dan il-fatt zgur li ma tista' tinstab ebda htija penali fil-konfront tal-appellant meta huwa qieghed fil-fatt jobdi l-ordni tal-Qorti u jekk il-kwerelanta għoġobha toħroħ mandat fuq il-kont mnejn qed jithallas il-manteniment żgur li ma jistax jirrispondi l-appellant bħala li mhux qed iħallas manteniment.

Illi sa mill-bidu l-appellant dejjem hallas il-manteniment b'dan il-mod u minn dan il-kont u l-kwerelanta dejjem sarrfet l-istess cekkijiet. Huwa issa li ħarġet dan il-mandat li hi stess ġabet dan b'idejha w ma tistax issarraf iċ-ċekkijiet.

Illi l-appellant offra illi huwa dispost illi jaghti l-kunsens tieghu sabiex jissarrfu c-ċekkijiet in kwistjoni u jibqa' fis-seħħ il-mandat.

Illi fil-verita' jiġi rilevat illi mandat in kwistjoni u d-digriet stess li fuqu qegħda tistrieħ il-kwerelanta huma nulli in kwantu l-kawża ta' separazzjoni li saret mill-kwerelanta saret fuori termine u fil-fatt kemm il-kawża u kif ukoll il-mandat qegħdin pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja għas-sentenza fuq dan il-punt fuq eċċezzjoni sollevata mill-appellant.

Illi fit-tieni lok l-appellant jikkontendi illi billi d-digriet in kwistjoni ma ġiex segwit b'kawża entro t-terminu prefiss mil-Liġi, allura dak id-digriet m'għandux aktar vigenti u kwindi mhux aktar utilizzabbli għall-finijiet ta' l-akkuża de quo.

Rat li fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2011 il-partijiet qablu li dak kollu li kellu jitħallas kien tħallas.

Rat ukoll is-sottmissjoni tad-difiża li ċ-cheque tal-manteniment kien inħareġ iżda ma setax jissarraf minħabba li l-parti l-oħra għamlet sekwestru fuq il-flus fil-bank.

Ikkonsidrat

Din il-Qorti tara li digriet ta' manteniment għandu jkun segwit bi kwalunkwe mod. Jekk ikun ħareġ xi sekwestru fuq il-flus li jkunu depożitati l-bank, dan bl-ebda mod ma jfisser li li l-obbligu li jitħallas dak li jkun dovut ser jispiċċa. Min hu marbut li jħallas il-manteniment irid isib mod ieħor kif jissodisfa l-obbligu tiegħu.

Għalhekk il-Qorti qed tirrespinġi l-aggravju tal-appellant li m'għandux jinsab ħati ukoll jekk qed jissottometti li dan seħħ minħabba s-sekwestru magħmul minn martu stess u xorta qed issibu ħati skond l-imputazzjoni dedotta.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi mogħtija fil-5 ta' Lulju 2010 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------